MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1029/2005

**APS BANK LTD. (C2192)**

**vs**

**EMANUEL SPITERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni mressaq fis-27 ta' Ottubru, 2005, bil-proċedura sommarja speċjali li bih is-soċjeta' attriċi ppremettiet;

Illi l-konvenut Emanuel Spiteri huwa debitur tas-soċjeta' attriċi APS Bank Limited fis-somma komplessiva ta' ħamest elef, sitt mija u tmienja u tletin Lira Maltin u ħamsa u sittin ċenteżmu (Lm5,638.65), u ċioe' s-somma ta' elfejn, mitejn u tnejn u erbgħin Lira Maltin u erbgħa u sittin ċenteżmu (Lm2,242.64) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv mal-*Loan Account* numru tnejn zero zero zero zero wieħed sitta erbgħa tnejn disgħa tmienja (20000164298)

[kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. APS1]; is-somma ta’ tmienja u tmenin Lira Maltin u ħamsa u sittin ċenteżmu (Lm88.65) rappreżentanti bilanċ ta’ debitu relattiv mal-*Interest Disposal Account* numru tnejn zero zero zero zero tnejn tmienja ħamsa sitta disgħa sebgħa (20000285697) [kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. APS2]; is-somma ta’ tlett elef, mija erbgħa u sebgħin Lira Maltin u tmienja u ħamsin ċenteżmu (Lm3,174.58) rappreżentanti bilanċ ta’ debitu relattiv mal-*Loan Account,* numru tnejn zero zero zero zero wieħed sitta sebgħa tlieta erbgħa disgħa (20000167349) [kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. APS3]; kif ukoll is-somma ta’ mija u tnejn u tletin Lira Maltin u tmienja u sebgħin ċenteżmu (Lm132.78) rappreżentanti bilanċ ta’ debitu relattiv mal-*Interest Disposal Account* numru tnejn zero zero zero zero tnejn tmienja ħamsa sebgħa tlieta disgħa (20000285739) [kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. APS4], u dan oltre l-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) fir-rigward tal-*Loan Account* numru tnejn zero zero zero zero wieħed sitta erbgħa tnejn disgħa tmienja (20000164298) u tal-*Loan Account* numru tnejn zero zero zero zero wieħed sitta sebgħa tlieta erbgħa disgħa (20000167349) mit-tletin (30) ta’ Ġunju 2005 sad-data tal-pagament effettiv;

Illi nonostante li l-konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas l-imsemmi ammont huwa baqa’ inadempjenti;

Għaldaqstant, in vista tal-premess, dispensat is-smiegħ tal-kawża a tenur ta’ l-Artikolu 167 *et seq.* tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti, għaliex m’għandhiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta’ attriċi s-somma komplessiva ta’ ħamest elef, sitt mija, u tmienja u tletin Lira Maltin u ħamsa u sittin ċenteżmu (Lm5,638.65) kif fuq spjegat, oltre l-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) fir-rigward tal-*Loan Account* numru tnejn zero zero zero zero wieħed sitta erbgħa tnejn disgħa tmienja (20000164298) u tal-*Loan Account* numru tnejn zero zero zero zero wieħed sitta sebgħa tlieta erbgħa disgħa

(20000167349) mit-tletin (30) ta’ Ġunju 2005 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż, inkluż dawk ta’ l-ittra legali datata ħamsa u għoxrin (25) ta’ April 2005 [kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. APS5]; ta’ l-ittra ġudizzjarja datata tmienja (8) ta’ Awwissu 2005 [kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. APS6]; tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Inibizzjoni ppreżentati kontestwalment ma’ din iċ-ċitazzjoni, u bl-imgħax b’effett mit-tletin (30) ta’ Ġunju 2005 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-soċjeta’ attriċi;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-imħarrek waqt is-smigħ tal-lum li biha huwa stqarr it-talba attriċi, u dan wara li l-Qorti fissritlu sewwa l-effetti ta’ stqarrija bħal dik;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeċiedi billi tilqa’ t-talba tas-soċjeta’ attriċi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż u bl-imgħax legali b’effett mit-30 ta’ Ġunju, 2005, sal-jum tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------